



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

15610/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0294(NLE)

---

---

ACP 120  
WTO 115  
COAFR 325  
RELEX 1519

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-FSE, fil-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja u fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja lill-Kunsill tal-FSE dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja dwar il-ftehim tiegħu mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-FSE,  
fil-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja u fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE,  
stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea,  
min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant,  
min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja  
lill-Kunsill tal-FSE dwar il-parteeċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE,  
id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE dwar il-parteeċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE,  
id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja dwar il-ftehim tiegħu  
mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE u d-Deċiżjoni  
tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> ("il-Ftehim"), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2024.
- (2) Skont l-Artikoli 104, 106 u 108 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE, il-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja u l-Kumitat Konsultattiv tal-FSE (it-"tliet istituzzjonijiet") ġew stabbiliti, rispettivament.
- (3) Skont l-Artikolu 108(2) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-FSE jiddetermina l-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, fuq rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja.
- (4) Skont l-Artikolu 108(4) tal-Ftehim, il-Kumitat Konsultattiv tal-FSE jrid jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, bi ftehim mal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'dawk it-tliet istituzzjonijiet, peress li r-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja lill-Kunsill tal-FSE dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja dwar il-qbil tiegħu mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu se jkollhom effetti legali fl-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra (ĠU L 2024/1648, 1.7.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2024/1648/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1648/oj)).

- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan it-tliet istituzzjonijiet fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja lill-Kunsill tal-FSE dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja dwar il-qbil tiegħu mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv u tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni u abbozzi ta' Deċiżjonijiet rispettivi tat-tliet istituzzjonijiet mehmuża ma' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, stabbilit skont l-Artikolu 106 tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kenja, Membru tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”), fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni lill-Kunsill tal-FSE dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja meħmuż ma' din id-Deċiżjoni (Anness I).

### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-FSE, stabbilit skont l-Artikolu 104 tal-Ftehim rigward id-Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill tal-FSE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni (Anness II).

### *Artikolu 3*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja, stabbilit skont l-Artikolu 106 tal-Ftehim rigward id-Deċiżjoni dwar il-qbil tiegħu mal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja meħmuż ma' din id-Deċiżjoni (Anness III).

*Artikolu 4*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-FSE, stabbilit skont l-Artikolu 108 tal-Ftehim rigward id-Deċiżjoni dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konsultattiv tal-FSE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni (Anness IV).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---